# Ħsieb għax-xahar ta' Novembru



Ta' kull sena, matul ix-xahar ta' Novembru, il-Knisja tħeġġiġna sabiex niftakru u nitolbu għall-erwieħ tal-Purgatorju. Ovvjament, għandna nitolbu għalihom is-sena kollha, iżda matul dan ix-xahar għandna niftakru fihom b'aktar attenzjoni u mħabba. Waqt is-sagrifiċċju tal-quddiesa, aħna dejjem niftakru f'ħutna li għaddew għall-ħajja ta' dejjem u nitolbu għalihom sabiex Alla l-Imbierek jaħfrilhom dnubiethom, iseħibhom miegħu u jagħtihom il-premju tal-ġenna. Aħna bħala leġjunarji nitolbu dejjem għall-mejtin tagħna kull darba li ngħidu t-talb tal-aħħar u għandna d-dmir li talanqas darba fis-sena kull praesidium joffri quddiesa għal-leġjunarji mejtin. Meta aħna nitolbu għall-erwieħ tal-Purgatorju mhux biss inkunu qegħdin naqdu dmirna ta' Nsara li aħna, iżda wkoll inkunu qed nagħmlu opra ta' ħniena lejn dawn ħutna, li jeħtieġu t-talb tagħna.

***Fr Ivan Attard o.p.***

# L-Ispiritwalità tal-'bicycle'



F'Novembru tas-sena l-oħra, waqt l-udjenza ġenerali Papa Franġisku tkellem dwar is-Serf t'Alla Madeleine Delbrêl. Twieldet fl-1904 u mietet fl-1964 ġewwa Franza. Meta kienet żgħażugħa ma kienet temmen f'xejn, kienet Anjostika. Meta kellha 20 sena, wara xi esperjenzi diffiċli,xi ħbieb tagħha, kattoliċi prattikanti, impressjonawha bil-Fidi awtentika tagħhom. Min hemm bdiet tfittex lill-Alla. Kienet kittieba, mistika u poetessa u qattgħet il-bqija ta' ħajjitha, għal aktar minn 30 sena, mal-foqra li jgħixu fl-aktar subborgi fqar ta' Pariġi. Kitbet: "La nkunu smajna il-Kelma t'Alla, m'għandniex dritt ma naċċettawiex, la naċċettawha m'għandniex dritt ma nħalluhiex titlaħħam fina, la tkun tlaħħmet fina m'għandniex dritt inżommuha għalina biss. Min hemm 'l quddiem nappartjenu lil dawk li qed jistennew il-Kelma," (mill-kitba tagħha 'We, the ordinary people of the streets'). Il-bilanċ tagħna fil-Fidi jinżamm biss billi nimxu 'l quddiem, bħal 'bicycle' li jieqaf biss jekk ikun miexi, kienet tgħid ukoll. Ktieb ieħor tagħha hu 'The Joy of Believing'.


# Regia ta' Malta
# Bullettin Leġjunarju

**Diċembru 2024**


## Prattika Spiritwali

### Ħajr u Bidu

Grazzi Mulej!

Għaddiet sena oħra: Kemm grazzi! Kemm barkiet! Min jgħoddhom?

"Xi nrodd lill-Mulej għall-ġid kollu li għamel miegħi" matul is-sena li qed tispiċċa?

Quddies, tqarbin, qrar, talb, karità u elf ħaġa oħra. Kollox mit-tieba tiegħek għax int Missier Ħanin.

Grazzi tassew! Issa bierek is-sena l-ġdida bil-proponimenti li qed nagħmlu. Forsi tkun l-aħħar waħda.

Inħejju ..... L-għoxrin għalaqthom.

Ħafna l-anqas jgħalquhom. Mela. . . .

***Mons Ruzar Borg***



**Intenzjoni tal-Papa għax xahar ta' Diċembru**

***Pellegrini ta' Tama***

Nitolbu sabiex dan il-Ġublew issaħħaħ il-fidi tagħna,
jgħinna nagħrfu lil Kristu Rxoxt fil-qalba ta' ħajjitna,
u jagħmilna pellegrini ta' tama Nisranija.

***Għaliex Alla verament iħobbok,***
***jixtieq li Hu biss ikun kulħadd għalik***

Laqgħa ta' tagħlim is-Sibt 28 ta' Diċembru
fil 5 p.m. Dar tal-Leġjun